Storja:

Sandra kienet tifla kwieta u kien hemm żewgt itfal li kienu qed idejquha l-iskola. Fil-break kienu jiġru warajha u jgħidulha li hi kerha. Fil-klassi kienu jgħidulha li tikteb u tpinġi ikrah. Ġieli kienu jiġbdulha l-malju. Sandra kienet veru mdejqa u ma kinitx taf x'għandha tagħmel.

Il-mamà rat lil Sandra mdejqa wara l-iskola u staqsietha xi ġralha iżda Sandra qagħdet kwieta għax beżgħet tgħid lill-mamà. L-għada rega' ġralha l-istess u bdiet tibki. Il-mamà reġgħet staqsietha u qaltlilha li hi qiegħda hawn biex tgħinha. Sandra ma felħitx iżjed u qalet kollox lill-mamà. Il-mamà qaltilha li l-ewwel ħaġa li trid tagħmel hu li tgħid lit-*teacher* għax hi tista' tgħinha l-iktar u lit-tfal li qed idejquha tgħidilhom jieqfu għax hi mhix ser tagħti kashom iżjed għax hi taf li tikteb u tpinġi pulit u li hi mhix kerha għax Alla ħalaqna kollha sbieħ.

Sandra bdiet tħossha aħjar avolja bdiet taħseb kif ser tkellem lil dawk it-tfal. Meta marret l-iskola u qalet lit-*teacher*, it-*teacher* qaltilha li ser tkellem lil dawk it-tfal u jekk jerġgħu idejquha tgħidilha mal-ewwel.

Sandra kienet kuntenta għax kemm il-mamà u kemm it-*teacher* semgħuha u għenuha. Imnalla kellmitha lill-mamà!